It-Tlieta 6 ta' Lulju 2021

P9_TA(2021)0323

Ftehim Interbus: Protokoll dwar it-trasport regolari internazzjonali u t-trasport regolari speċjali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport regolari internazzjonali u t-trasport regolari speċjali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (11441/2020 – C9-0027/2021 – 2020/0258(NLE))

(Approvazzjoni)

(2022/C 99/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11441/2020),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport regolari internazzjonali u t-trasport regolari speċjali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (11442/2020),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 91 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0027/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0176/2021),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.